# INNU PATRIJOTTIKU INTERNAZZJONALI

Jeħtieġ inżomm ruħi ħaj u b'saħħti għalik art twelidi
Norqod fiċ-ċaflis bix-xita tqattar f'dahri,
Subgħajja minfuħin ħomor bis-seqi tfellu;
Għadmi jitrakad u l-ġogi bbiesu bir-rewmatiżmu.
Nonfoħ bil-għejja ma' kull erba' passi.
Nitrejjaq filgħodu b'bieba ħobż niexfa ġebel
Imfitta f'landa misħun imdardar.
Jeħtieġ inżomm ruħi ħaj u b'saħħti għalik art twelidi
Għax tridni noħroġ kmieni maż-żerniq
Infittex l-għadu qalil tiegħek li heddek;
U meta nsibu żgħażugħ beżgħan ta' għoxrin sena
Nifqalgħu sidru ġewwa. Int tifraħ art twelidi
X'ħin mgħargħar f'demmu jisfar, jehdla u jmut
L-għadu qalil tiegħek ħajjen u għajjur,
Narah — Mulej aħfirli — għajnejh kbar miksura
Jixbaħ 'il uliedi li ħallejt id-dar warajja.
Maħbuba art twelidi, għandu jkun li rbaħħna
Għax taptaptli fuq dahri u żejjintli sidri
B'biċċiet tal-landa rħisa ta' kull għamla.
Għad il ma finiex sura nitkaxkru b'sieq waħda
U nferknu b'bastun abjad infittxu t-triq lura.
Jew — boloh skantati ma nafux x'ġara,
Tilqagħna bil-banda.
Min baqa' wara u ħaxken butu,
Miskin, jitbissmilna u b'maktur abjad ixejrilna.